TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 432/08-F

**Paul Roper**

**vs**

**G.J.S. Limited**

Illum 7 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Novembru, 2008 fejn ir-rikorrenti qed jitlob rifużjoni ta' elf, tmienja u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€1,048.50) rappreżentanti prodott inferjuri li biegħ lill-attur, li kien sufan tal-ġilda li beda jitqatta'.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara sufan u wara ftit dan is-sufan ġralu l-ħsara u għalhekk talab li jieħu l-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi dan ma kienx tort tas-soċjeta' intimata, iżda kien tort tar-rikorrenti.

Peress illi kien hemm problema sabiex dawn it-testijiet isiru Malta, t-Tribunal aċċetta li dawn it-testijiet isiru barra minn Malta u fil-fatt kienu ntbagħtu għand is-soċjeta' estera, fejn ġie konkluż illi probabli dak li ġara kien użu ta' '*inappropriate cleaning product*'.

Ir-rikorrenti *ex parte* għamel it-testijiet tiegħu ma' Heritage Malta - *Diagnostic Science Laboratories*, fejn ikkonkluda illi mhuwiex ċert illi d-deterazzjoni tal-ġilda ġara tort ta' xi kimika jew xi *cleaning liquid.*

It-Tribunal iffaċċja dawn iż-żewġ rapporti, wieħed li kien awtorizzat mit-Tribunal u l-ieħor li ma kienx awtorizzat, pero' xorta ħa konjizzjoni tiegħu u qed jasal għal konklużjoni.

It-Tribunal jikkonkludi illi l-ġilda ma ġralhiex ħsara tort ta' xi difett fil-ġilda.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888